

Il-Ġurnal Uffiċjali L 365

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 63

3 ta' Novembru 2020

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni (UE) 2020/1598 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2020 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara applikazzjoni minn Spanja — EGF/2020/001 ES/Is-setturi anċillari għall-bini tal-vapuri fil-Galicia** 1
- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1599 tat-23 ta' Ottubru 2020 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu** 3
- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1600 tat-28 ta' Ottubru 2020 li taħtar membru, propost mir-Repubblika tal-Awstrija, fil-Kumitat tar-Reġjuni** 9
- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1601 tat-28 ta' Ottubru 2020 li taħtar membru supplenti, propost mir-Repubblika tal-Estonja, fil-Kumitat tar-Reġjuni** 10
- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1602 tat-28 ta' Ottubru 2020 li taħtar membru supplenti, propost mir-Rumanija, fil-Kumitat tar-Reġjuni** 11
- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1603 tat-28 ta' Ottubru 2020 li taħtar membru supplenti, propost mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni** 12

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agricoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1598 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-20 ta' Ottubru 2020

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara applikazzjoni minn Spanja — EGF/2020/001 ES/Is-setturi anċillari għall-bini tal-vapuri fil-Galicia

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu l-għan li jipprovdi appoġġ lill-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja u lil persuni li jaħdmu għal rashom li lattività tagħhom waqfet b'riżultat ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni, b'riżultat ta' kontinwazzjoni tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, jew b'riżultat ta' kriżi finanzjarja u ekonomika globali ġdida, u biex jgħinhom flintegrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) Il-FEG ma jridx jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR 150 miljun (il-prezzijiet tal-2011), kif stabbilit fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 ⁽³⁾.
- (3) Fit-13 ta' Mejju 2020, Spanja sottomettiet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, firrigward tal-għoti tas-sensji fis-setturi ekonomiċi kklassifikati taħt il-klassifikazzjoni Statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea ("NACE") Reviżjoni 2 Diviżjonijiet 24 (Manifattura ta' metalli bażiċi), 25 (Manifattura ta' prodotti tal-metall iffabbrikat, għajr magni u tagħmir), 30 (Manifattura ta' tagħmir ieħor għat-trasport), 32 (Manifattura oħra), 33 (Tiswija u installazzjoni ta' makkinarju u tagħmir) u 43 (Attivitajiet ta' kostruzzjoni speċjalizzati) firreġjun ta' livell 2 ta' NUTS tal-Galicia (ES11) fi Spanja. Din kienet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali pprovduta f'konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013. Dik l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.
- (4) Skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013, l-applikazzjoni minn Spanja titqies ammissibbli, peress li hija applikazzjoni kollettiva li tinvolti biss SMEs li jinsabu firreġjun tal-Galicia fejn l-SMEs huma t-tip ewlieni ta' negozju u s-sensji għandhom impatt serju fuq l-impjiegi u fuq l-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali.

⁽¹⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

⁽²⁾ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

- (5) Għalhekk, l-FEG jenħtieġ li jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 2 054 400 fir-rigward tal-applikazzjoni sottomessa minn Spanja.
- (6) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien li jittieħed għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, din iddeċijoni jenħtieġ li tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2020, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi l-ammont ta' EUR 2 054 400 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-20 ta' Ottubru 2020.

Magħmul fi Brussel, l-20 ta' Ottubru 2020.

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
D.M. SASSOLI

Għall-Kunsill
Il-President
M. ROTH

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1599

tat-23 ta' Ottubru 2020

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 50(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (il-"Ftehim dwar il-Ħruġ") ġie konkluż permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135⁽¹⁾ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.
- (2) Il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv Konġunt (il-"grupp ta' ħidma") inħoloq permezz tal-Artikolu 15(1) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq tal-Ftehim dwar il-Ħruġ (il-"Protokoll") biex iservi ta' forum għall-iskambju ta' informazzjoni u għall-konsultazzjoni reċiproka dwar l-implimentazzjoni tal-Protokoll.
- (3) Skont l-Artikolu 15(2) tal-Protokoll, il-grupp ta' ħidma għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Unjoni u tar-Renju Unit u jwettaq il-funzjonijiet tiegħu taħt is-supervizzjoni tal-Kumitat Speċjalizzat dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Protokoll, stabbilit mill-punt (c) tal-Artikolu 165(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li lili għandu jirrapporta.
- (4) Skont l-Artikolu 15(6) tal-Protokoll, il-grupp ta' ħidma għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess b'kunsens reċiproku.
- (5) Fid-dawl tal-iskop u l-għamla tal-grupp ta' ħidma u r-relazzjoni tiegħu mal-Kumitat Speċjalizzat dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Protokoll, jenħtieġ li r-regoli ta' proċedura jkunu simili għar-regoli ta' proċedura previsti fl-Anness VIII tal-Ftehim dwar il-Ħruġ fir-rigward tal-Kumitati Speċjalizzati stabbiliti mill-Artikolu 165(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.
- (6) Għaldaqstant, ikun xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-grupp ta' ħidma.
- (7) Sabiex il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jkunu jistgħu jiġu applikati fil-pront, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-grupp ta' ħidma stabbilit mill-Artikolu 15(1) tal-Protokoll fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-grupp ta' ħidma skont l-Artikolu 15(6) tiegħu għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-grupp ta' ħidma meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-deċiżjoni tal-grupp ta' ħidma għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 1).

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-23 ta' Ottubru 2020.

Għall-Kunsill

Il-President

S. SCHULZE

ANNEX

DEĊIŻJONI NRU .../2020 TAL-GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV KONĠUNT STABBILIT MILL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ MILL-UNJONI EWROPEA U MILL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA**ta' ...****li tadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu**

IL-GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ⁽¹⁾ (il-“Ftehim dwar il-Ħruġ”), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(6) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq tal-Ftehim dwar il-Ħruġ (“il-Protokoll”),

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 15(6) tal-Protokoll, il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv Konġunt (il-“grupp ta' ħidma”) għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess b'kunsens reċiproku.
- (2) Fid-dawl tal-iskop u l-għamla tal-grupp ta' ħidma u r-relazzjoni tiegħu mal-Kumitat Speċjalizzat dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Protokoll, ir-regoli ta' proċedura tal-grupp ta' ħidma jenħtieġ li jkunu simili għar-regoli ta' proċedura previsti fl-Anness VIII tal-Ftehim dwar il-Ħruġ fir-rigward tal-Kumitati Speċjalizzati stabbiliti taħt l-Artikolu 165 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv Konġunt stabbilit mill-Artikolu 15(1) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq tal-Ftehim dwar il-Ħruġ għandha tkun regolata mir-regoli ta' proċedura stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Grupp ta' Ħidma
Konsultattiv Konġunt
Il-Kopresidenti

⁽¹⁾ ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

ANNEX

REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV KONĠUNT*Regola 1***Il-President**

1. Il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv Konġunt (il-“grupp ta' ħidma”) għandu jkun kopresedut minn rappreżentant maħtur mill-Kummissjoni Ewropea u minn rappreżentant nominat mill-Gvern tar-Renju Unit. L-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit għandhom jinnotifikaw lil xulxin bil-miktub dwar ir-rappreżentanti li jiġu nominati.

2. Kopresident li ma jkunx jista' jattendi laqgħa jista' jiġi sostitwit għal dik il-laqgħa minn persuna oħra nominata bħala supplenti. Il-persuni supplenti nominati mill-Kummissjoni jew mill-Gvern tar-Renju Unit għandhom jinformaw lill-kopresident l-ieħor u lis-Segretarjat tal-grupp ta' ħidma bil-miktub dwar in-nomina tagħhom mill-aktar fis possibbli.

3. Il-persuna nominata bħala supplenti tal-kopresident għandha teżerċita d-drittijiet ta' dak il-kopresident fil-limiti tan-nomina. Kull referenza f'dawn ir-Regoli ta' Proċedura għall-kopresidenti għandha tinftiehem li tinkludi supplenti nominati.

*Regola 2***Is-Segretarjat**

Is-Segretarjat tal-grupp ta' ħidma (is-“Segretarjat”) għandu jkun magħmul minn uffiċjal tal-Kummissjoni Ewropea u uffiċjal tal-Gvern tar-Renju Unit. Is-Segretarjat għandu, taħt l-awtorità tal-kopresidenti, iwettaq il-kompiti mogħtija lilu permezz ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura.

*Regola 3***Il-parteciċipazzjoni fil-laqgħat**

1. Qabel kull laqgħa, l-Unjoni u r-Renju Unit għandhom jinfurmaw lil xulxin permezz tas-Segretarjat dwar il-kompożizzjoni maħsuba tad-delegazzjonijiet.

2. Fejn xieraq u b'deċiżjoni tal-kopresidenti, l-esperti jew persuni oħra li ma jkunux membri tad-delegazzjonijiet jistgħu jiġu mistiedna jattendu l-laqgħat tal-grupp ta' ħidma sabiex jipprovdur informazzjoni dwar suġġett partikolari.

*Regola 4***Il-laqgħat**

1. Il-grupp ta' ħidma għandu jagħmel il-laqgħat tiegħu alternattivament fi Brussell u fir-Renju Unit, sakemm il-kopresidenti ma jiddeċidux mod ieħor.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-kopresidenti jistgħu jiddeċiedu li laqgħa tal-grupp ta' ħidma ssir permezz ta' vidjokonferenza jew telekonferenza.

3. Kull laqgħa tal-grupp ta' ħidma għandha titlaqqa' mis-Segretarjat f'data u post deċiżi mill-kopresidenti. Fejn l-Unjoni jew ir-Renju Unit ikunu għamlu talba għal laqgħa, il-grupp ta' ħidma għandu jagħmel ħiltu biex jiltaqa' fi żmien 15-il jum minn tali talba. F'każijiet ta' urġenza huwa għandu jagħmel ħiltu biex jiltaqa' qabel.

*Regola 5***Id-dokumenti**

Id-dokumenti bil-miktub li jiġu skambjati b'mod formali fil-grupp ta' ħidma, kemm jekk matul il-laqgħat jew bejn laqgħa u oħra, għandhom jiġu nnumerati u ċċirkolati lill-Unjoni u lir-Renju Unit mis-Segretarjat bħala dokumenti tal-grupp ta' ħidma.

*Regola 6***Il-korrispondenza**

1. L-Unjoni u r-Renju Unit għandhom jibagħtu l-korrispondenza tagħhom indirizzata lill-grupp ta' ħidma lis-Segretarjat. Tali korrispondenza tista' tintbagħat fi kwalunkwe forma ta' komunikazzjoni bil-miktub, inkluż permezz tal-posta elettronika.
2. Is-Segretarjat għandu jiżgura li l-korrispondenza indirizzata lill-grupp ta' ħidma tintbagħat lill-kopresidenti u tiġi ċċirkolata, fejn xieraq, skont ir-Regola 5.
3. Il-korrispondenza kollha mill-kopresidenti jew indirizzata direttament lilhom għandha tintbagħat lis-Segretarjat u għandha tiġi ċċirkolata, fejn xieraq, skont ir-Regola 5.

*Regola 7***L-aġenda tal-laqgħat**

1. Għal kull laqgħa għandu jifassal abbozz ta' aġenda provviżorja mis-Segretarjat. Din għandha tintbagħat, flimkien mad-dokumenti rilevanti, lill-kopresidenti sa mhux aktar tard minn ħamest ijiem qabel id-data tal-laqgħa.
2. L-aġenda provviżorja għandha tinkludi dawk il-punti li l-inklużjoni tagħhom fl-aġenda tkun intalbet mill-Unjoni jew mir-Renju Unit. Kwalunkwe tali talba, flimkien ma' kwalunkwe dokument rilevanti, għandha tiġi ppreżentata lis-Segretarjat mhux aktar tard minn sebat ijiem qabel il-bidu tal-laqgħa.
3. Mhux aktar tard minn tlett ijiem qabel id-data tal-laqgħa, il-kopresidenti għandhom jiddeċiedu dwar l-aġenda provviżorja għal laqgħa. Huma jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu din l-aġenda provviżorja, jew xi parti minnha, pubblika qabel il-bidu tal-laqgħa.
4. L-aġenda għandha tiġi adotta mill-grupp ta' ħidma fil-bidu ta' kull laqgħa. Fuq talba tal-Unjoni jew tar-Renju Unit, il-grupp ta' ħidma jista' jieħu deċizzjoni li tinkludi punt ieħor fl-aġenda provviżorja minbarra dawk li jkunu diġà ġew inklużi fiha.
5. Il-kopresidenti jistgħu jiddeċiedu li jidderogaw mil-limiti ta' żmien speċifikati fil-paragrafi minn 1, 2 u 3.

*Regola 8***Il-minuti**

1. Is-Segretarjat għandu jfassal l-abbozz tal-minuti, fi żmien ħamest ijiem minn tmien il-laqgħa, sakemm il-kopresidenti ma jiddeċidux mod ieħor. Is-Segretarjat għandu jħejji wkoll sommarju tal-minuti.
2. Il-minuti għandhom, bħala regola, jagħtu sinteżi ta' kull punt fl-aġenda, u jispeċifikaw fejn applikabbli:
 - (a) id-dokumenti ppreżentati lill-grupp ta' ħidma;
 - (b) kwalunkwe dikjarazzjoni li wieħed mill-kopresidenti jkun talab li tiddaħħal fil-minuti; u
 - (c) il-konklużjonijiet operazzjonali adottati dwar punti speċifiċi.
3. Il-minuti għandhom jinkludu lista tal-ismijiet, it-titoli u l-funzjoni tal-individwi kollha li jkunu attendew il-laqgħa.
4. Il-kopresidenti jistgħu jitolbu l-emendar tal-abbozz tal-minuti jew tas-sommarju fi żmien ħamest ijiem minn meta jiġu ċċirkolati mis-Segretarjat skont il-paragrafu 1. Il-minuti u s-sommarju għandhom jitqiesu bħala approvati mill-kopresidenti malli jiskadi dak il-perjodu jekk ma tkun intalbet ebda emenda. Jekk kopresident jitolb li ssir emenda fi żmien dak il-perjodu, il-minuti u s-sommarju għandhom jitqiesu bħala approvati ladarba l-kopresident l-ieħor ikun qabel mal-emenda mitluba.
5. Ladarba jiġu approvati, kopji elettroniċi tal-minuti għandhom jiġu ffirmati mill-membri tas-Segretarjat u jintbagħtu lill-Unjoni u lir-Renju Unit, kif ukoll lill-Kumitat Speċjalizzat dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq. Il-kopresidenti jistgħu konsegwentement jiddeċiedu li jagħmlu pubbliku s-sommarju tal-minuti.

*Regola 9***Id-deċiżjonijiet**

1. Id-deċiżjonijiet tal-kopresidenti previsti minn dawn ir-regoli ta' proċedura għandhom jittieħdu b'konsens reċiproku.
2. Fil-perjodu bejn laqgħa u oħra, il-kopresidenti jistgħu jieħdu deċiżjonijiet b'komunikazzjoni bil-miktub permezz ta' skambju ta' noti elettroniċi bejn il-kopresidenti. Is-Segretarjat għandu jinforma lill-Partijiet dwar kwalunkwe tali deċiżjoni meħuda mill-kopresidenti.

*Regola 10***Il-kunfidenzjalità**

1. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-kopresidenti, il-laqgħat tal-grupp ta' ħidma għandhom ikunu kunfidenzjali.
2. Fejn l-Unjoni jew ir-Renju Unit jippreżentaw informazzjoni meqjusa bħala kunfidenzjali jew protetta mid-divulgazzjoni taħt il-liġijiet u r-regolamenti tagħhom lill-grupp ta' ħidma, il-Parti l-oħra għandha tittratta dik l-informazzjoni li tkun irċeviet bħala kunfidenzjali.

*Regola 11***Il-lingwa operazzjonali**

Il-lingwa operazzjonali tal-grupp ta' ħidma għandha tkun l-Ingliż. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-kopresidenti, il-grupp ta' ħidma għandu jibbaża d-deliberazzjonijiet tiegħu fuq dokumenti mħejjija bl-Ingliż.

*Regola 12***L-ispejjeż**

1. L-Unjoni u r-Renju Unit għandhom kull wiehied minnhom jassumu kull spiża li jġarrbu bħala riżultat tal-parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-grupp ta' ħidma.
2. L-ispejjeż marbuta mal-organizzazzjoni tal-laqgħat u mar-riproduzzjoni tad-dokumenti għandhom jitħallsu mill-Unjoni għal-laqgħat li jsiru fi Brussell, u mir-Renju Unit għal-laqgħat li jsiru fir-Renju Unit.
3. L-ispejjeż marbuta mal-interpretazzjoni fil-lingwa operazzjonali, jew minnha, tal-grupp ta' ħidma waqt il-laqgħat għandhom jitħallsu mill-Parti li titlob tali interpretazzjoni.

*Regola 13***Rapport annwali lill-Kumitat Speċjalizzat**

1. Kull sena kalendarja s-Segretarjat għandu jfassal rapport dwar il-ħidma tal-grupp ta' ħidma. Ir-rapport għandu jtfassal sal-1 ta' Frar tas-sena ta' wara.
 2. Kull rapport għandu jiġi adottat u ffirmat mill-kopresidenti u għandu jintbagħat lill-Kumitat Speċjalizzat dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq minnufih wara li jiġi ffirmat.
-

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1600**tat-28 ta' Ottubru 2020****li taħtar membru, propost mir-Repubblika tal-Awstrija, fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Awstrijakk,

Billi:

- (1) Fl-10 ta' Diċembru 2019, fl-20 ta' Jannar 2020, fit-3 ta' Frar 2020 u fis-26 ta' Marzu 2020 il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2019/2157 ⁽¹⁾, (UE) 2020/102 ⁽²⁾, (UE) 2020/144 ⁽³⁾ u (UE) 2020/511 ⁽⁴⁾ li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025. Fit-8 ta' Ġunju 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/766 ⁽⁵⁾ li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mill-1 ta' Frar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025. Fit-30 ta' Lulju 2020, il-Kunsill adotta wkoll id-Deċiżjoni (UE) 2020/1153 ⁽⁶⁾ li taħtar membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni.
- (2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sur Christian ILLEDITS, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Huwa b'dan maħtur membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025:

— Is-Sur Heinrich DORNER, Membru ta' Eżekuttiv Lokali li għandu mandat elettoral: *State Government of Burgenland*.*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ottubru 2020.

*Għall-Kunsill**Il-President*

M. ROTH

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/102 tal-20 ta' Jannar 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 20, 24.1.2020, p. 2).

⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/144 tat-3 ta' Frar 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 32, 4.2.2020, p. 16).

⁽⁴⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/511 tas-26 ta' Marzu 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 113, 8.4.2020, p. 18).

⁽⁵⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/766 tat-8 ta' Ġunju 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mill-1 ta' Frar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 187, 12.6.2020, p. 3).

⁽⁶⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1153 tat-30 ta' Lulju 2020 li taħtar membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 256, 5.8.2020, p. 12).

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1601

tat-28 ta' Ottubru 2020

li taħtar membru supplenti, propost mir-Repubblika tal-Estonja, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Estonjan,

Billi:

- (1) Fl-10 ta' Diċembru 2019, fl-20 ta' Jannar 2020, u fit-3 ta' Frar 2020 u fis-26 ta' Marzu 2020 il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2019/2157 ⁽¹⁾, (UE) 2020/102 ⁽²⁾ (UE) 2020/144 ⁽³⁾ u (UE) 2020/511 ⁽⁴⁾ li jahtaru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025. Fit-8 ta' Ġunju 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/766 ⁽⁵⁾ li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mill-1 ta' Frar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025. Fit-30 ta' Lulju 2020, il-Kunsill adotta wkoll id-Deċiżjoni (UE) 2020/1153 ⁽⁶⁾ li taħtar membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni.
- (2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sur Aivar ARU, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Huwa b'dan maħtur membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025:

- Is-Sur Andres JAADLA, Rappreżentanta ta' korp reġjonali b'responsabbiltà politika lejn Assemblée eletta: Rakvere City Council.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ottubru 2020.

Għall-Kunsill

Il-President

M. ROTH

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/102 tal-20 ta' Jannar 2020 li taħtar il-membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 20, 24.1.2020, p. 2).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/144 tat-3 ta' Frar 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 32, 4.2.2020, p. 16).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/511 tas-26 ta' Marzu 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 113, 8.4.2020, p. 18).

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/766 tat-8 ta' Ġunju 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mill-1 ta' Frar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 187, 12.6.2020, p. 3).

⁽⁶⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1153 tat-30 ta' Lulju 2020 li taħtar membri u membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 256, 5.8.2020, p. 12).

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1602**tat-28 ta' Ottubru 2020****li taħtar membru supplenti, propost mir-Rumanija, fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Rumun,

Billi:

- (1) Fl-10 ta' Diċembru 2019, fl-20 ta' Jannar 2020, fit-3 ta' Frar 2020 u fis-26 ta' Marzu 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2019/2157 ⁽¹⁾, (UE) 2020/102 ⁽²⁾, (UE) 2020/144 ⁽³⁾ u (UE) 2020/511 ⁽⁴⁾ li jahtaru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025. Fit-8 ta' Ġunju 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/766 ⁽⁵⁾ li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mill-1 ta' Frar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025. Fit-30 ta' Lulju 2020, il-Kunsill adotta wkoll id-Deċiżjoni (UE) 2020/1153 ⁽⁶⁾ li taħtar membri u membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sur Ștefan ILIE, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dan li ġej huwa b'dan maħtur membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025:

— Is-Sur Gheorghe DĂMIAN, *Mayor of Ciugud, Alba County.**Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ottubru 2020.

*Għall-Kunsill**Il-President*

M. ROTH

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 ta' 10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/102 tal-20 ta' Jannar 2020 li taħtar il-membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 20, 24.1.2020, p. 2).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/144 tat-3 ta' Frar 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 32, 4.2.2020, p. 16).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/511 tat-26 ta' Marzu 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 113, 8.4.2020, p. 18).

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/766 tat-8 ta' Ġunju 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mill-1 ta' Frar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 187, 12.6.2020, p. 3).

⁽⁶⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1153 tat-30 ta' Lulju 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 256, 5.8.2020, p. 12).

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1603

tat-28 ta' Ottubru 2020

li taħtar membru supplenti, propost mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Taljan,

Billi:

- (1) Fl-10 ta' Diċembru 2019, fl-20 ta' Jannar 2020, fit-3 ta' Frar 2020 u fis-26 ta' Marzu 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2019/2157 ⁽¹⁾, (UE) 2020/102 ⁽²⁾, (UE) 2020/144 ⁽³⁾ u (UE) 2020/511 ⁽⁴⁾ li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025. Fit-8 ta' Ġunju 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/766 ⁽⁵⁾ li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mill-1 ta' Frar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025. Fit-30 ta' Lulju 2020, il-Kunsill adotta wkoll id-Deċiżjoni (UE) 2020/1153 ⁽⁶⁾ li taħtar membri u membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sur Federico Carlo MARTEGANI, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dan li ġej huwa b'dan maħtur membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025:

— Is-Sur Elia DELMIGLIO, *Sindaco del Comune di Casalpusterlengo*.*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ottubru 2020.

*Għall-Kunsill**Il-President*

M. ROTH

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/102 tal-20 ta' Jannar 2020 li taħtar il-membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 20, 24.1.2020, p. 2).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/144 tat-3 ta' Frar 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 32, 4.2.2020, p. 16).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/511 tas-26 ta' Marzu 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 113, 8.4.2020, p. 18).

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/766 tat-8 ta' Ġunju 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mill-1 ta' Frar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 187, 12.6.2020, p. 3).

⁽⁶⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1153 tat-30 ta' Lulju 2020 li taħtar membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 256, 5.8.2020, p. 12).

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)